**Id-Direttivi tal-UE li għadhom kif ġew adottati: Tisħiħ tal-ugwaljanza fl-Ewropa**

Fis-7 ta' Mejju 2024, saret kisba importanti hekk kif il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ħabbar l-adozzjoni tad-Direttivi tal-UE dwar l-Istandards tal-Korpi tal-Ugwaljanza. Dan il-pass sinifikanti jfisser qabża kbira 'l quddiem fit-titjib tal-infurzar tal-liġijiet tal-UE dwar it-trattament ugwali.

Id-Direttivi tal-UE li għadhom kif ġew adottati jirrappreżentaw pass sinifikanti lejn il-konsolidazzjoni tal-Korpi tal-Ugwaljanza billi jsaħħu l-indipendenza tagħhom, jagħtuhom is-setgħa b'riżorsi u setgħat adegwati, u jwessgħu l-mandati tagħhom li jipprovdu ħarsien komprensiv mid-diskriminazzjoni.

Dawn id-Direttivi jipprovdu lill-Korpi tal-Ugwaljanza fl-Ewropa l-għodda u l-awtorità meħtieġa biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni b'mod effettiv. Huma għandhom l-għan li jiżguraw li kull individwu – u speċjalment dawk l-individwi li jagħmlu parti minn gruppi soċjali l-aktar f'riskju ta' diskriminazzjoni u fastidju – jkollhom aċċess għall-ġustizzja u jgawdu d-drittijiet fundamentali tagħhom. Dan huwa pass kruċjali fil-vjaġġ tagħna lejn soċjetà aktar inklużiva u ekwa.

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) ilha għal dawn l-aħħar sentejn tippromwovi u taħdem għall-adozzjoni ta' dawn id-Direttivi tal-UE. L-NCPE tilqa' b'sodisfazzjon l-approvazzjoni tagħhom u tfaħħar l-isforzi ta' dawk kollha nvoluti fil-kisba ta' dan il-għan. L-NCPE tistenna bil-ħerqa t-traspożizzjoni tagħhom fil-leġiżlazzjoni Maltija segwita mill-implimentazzjoni tagħhom peress li din se ttejjeb l-effettività tal-ħidma tal-NCPE biex tiżgura li t-trattament ugwali verament jitgawda minn kulħadd.

**7 ta' Mejju 2024**